MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH S. REFALO**

Seduta tat-8 ta' Lulju, 2003

Talba Numru. 1751/2002

**Mobisle Communications Limited**

**vs**

**Donald Bonello**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-17 ta' Lulju, 2002 fejn intalab il-hlas ta' elf mitejn u erba' liri Maltin u tnejn u tmenin centezmu (Lm1204.82) rapprezentanti bilanc ta' prezz dovut mill-istess konvenut lil Mobisle Communications Limited skond Client Contract Number 05271 in rigward ghal servizzi lilu rezi mis-socjeta` attrici u dana fix-xhur bejn Ottubru 2001 u Marzu 2002;**

**Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-23 ta' April, 2003, dawk tal-mandat ta' sekwestru pprezentat kontestwalment mal-avviz, u bl-imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut, ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra li l-konvenut baqa' ma pprezentax risposta u lanqas ma deher.**

**Semgha x-xhieda ta' Dr. Nikolai Muscat Farrugia ghas-socjeta` attrici li kkonferma li l-ammont mitlub ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-artikolu 13(b) tal-Kap.380 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' elf mitejn u erba' liri Maltin u tnejn u tmenin centezmu (Lm1204.82) bl-imghax legali mit-23 ta' April, 2003 sal-pagament effettiv.**

L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-23 ta' April, 2003, u dawk tal-mandat ta' sekwestru ipprezentat kontestwalment mal-avviz, ghandhom jigu sopportati mill- konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------